MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Numru 442/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**Vs**

**Godwin Vella**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Godwin Vella, bin Elia u Mary mwielda Grima, imwieled il-Mellieħa fl-14 ta' Ġunju, 1963 u noqgħod 44, Appartament 1, Triq il-Preistorja, San Pawl il-Baħar ID 328663 (M)

Akkużat

Talli nhar it-18 ta' Marzu, 2007 wara nofs in-nhar waqt li kien fil-limiti tax-Xemxija u San Pawl il-Baħar, ikkaġuna ħsara volontarja fuq karozza li ġġib in-numru DEB-555

liema stima ta’ ħsarat teċċedi l-Lm50 iżda anqas minn Lm500 u dan għad-dannu ta’ Patricia Montfort Ciantar minn San Pawl il-Baħar.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 3286 tal-1963, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (fol 9) u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-fedina penali tal-imputat, id-dokument PB3 (fol 11), il-current incident report (fol 12) u s-sentenza mmarkata GV a fol 48.

Skond il-Prosekuzzjoni ċerta Patricia Montfort Ciantar, ħabiba tal-imputat, allegat li l-imputat għamel ħsara fuq il-vettura DEB 555 li kienet teċċedi l-Lm200. Il-vettura hija reġistrata f’isem Patricia Montfort Ciantar (ID 707956)(M)(fol 16).

PS 342 Johanna Said xehed li li fit-18 ta’ Marzu 2007 kein hemm argument bejn l-imputat u Patricia Ciantar Montford. Kienet tkissret propjeta’ taż-żewġ partijiet. Patricia Montfort kienet allegat li kien tkissrilha il-windscreen tal-karozza tagħha. Hi qale tli kient kissret xi propjeta’ ta’ Godwin Vella.

Patricia Montfort Ciantar xehdet li kienet inqalgħet kwistjoni bejnha u bejn l-imputat. Hi riedet tieħu l-affarijiet lura. Imbagħad hi kissret il-karozza tiegħu u hu kisser il-karozza tagħha billi ta daqqa ta’ ħadida fuq il-windscreen. (fol 28). Il-windscreen kien infaqa’u l-istess kien ġara lill-windscreen tal-karozza tagħha għax l-imputat qabad ċangun u tefgħu fuq il-windscreen.

Ix-xhud qalet li l-ħsaret kienu ġewha Lm600. (fol 28).

**Xhieda Difiża**

Xehed l-imputat li qal li kienet inqagħet tilwima bejnu u bejn Patricia Montfort Ciantar u wara sabha tkissirlu l-flat, il-van u l-karozza tiegħu. Kienet kissret il-windscreen tal-vann, ta’ wara u ta’ quddiem, il-ħġieġ, daqqiet fuq il-bibien, daqqiet fuq il-body mad-dawra kollha. Kienet kissret ukoll il-bieb t’isfel tal-komun. Ippruvat issawwat lill-imputat bis-

salib li kellha f'idejha tar-roti. Lill-karozza kienet għamlitilha ħafna ħsara. L-imputat ipprova jwaqqafha, ġiet ġebla u ħarbitlu minn idu (fol 40) u laqat il-windscreen. L-imputat qal li hu ma kienx qed jgħid li ma kissirx il-windscreen. Il-ġebla li kienet waħda tal-qabda tal-id. Dak il-ħin ma tax każ jekk kienx għamel xi ħsara. (fol 46).

Konsiderazzjoni tal-Qorti

Mill-provi prodotti jirriżulta soddisfaċentement li l-imputat waddab ġebla li kissret il-windscreen tal-karozza ta' Patricia Montfort Ciantar DEB – 555. L-imputat qal li l-ġebla ħarbitlu minn idejh. Il-Qorti assolutament ma temminx din il-verżjoni għax il-ġebel ma jaqgħux mis-sema u lanqas ma jiġu f'idejn in-nies. Definittavemnt dan kein każ ta' ħsara volontarja.

Dwar l-ammont, dak indikat fiċ-ċitazzjoni huwa bejn Lm50 u Lm500. Il-parts estimate form tindaka l-ammont ta' Lm246.38 (€574).

L-imputat qal li qabel l-ġebla spiċċat f'idu, Patricia Montfort Ciantar kienet għamlitlu ħsara estensiva. L-istess Patricia Montfort Ciantar ammettiet li kienet kissret il-karozza tal-imputat.

L-artikolu 325(1)(b) japplika għall-ammont ta' ħsara imputabbli.

L-istess artikolu jipprovdi wkoll li d–delitt ikuns skużabbli minħabba provokazzjoni inġusta u jipprovdi li l-ħati jeħel, fil-każijiet imsemmijin (a)(b)(ċ) il-piena ta' priġunerija għal żmein mhxu iżjed minn żewġ terzi tal-piena msemmija.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat diġa' kien iħallas somma ta' Lm600 bħala dejn ċivili.

Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) u l-ewwel proviso tal-istess artikolu issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-każ ma

jimmeritax piena ta' priġunerija minħabba ċ-ċirkostanzi tiegħu li iżda bl-ebd mod ma jagħtu xi dritt 'il xi ħadd li jieħu l-liġi f'idejh. Għalhekk il-Qorti qed tapplika l-artikolu 21 tal-kap 9 u minflok qed tikkundannah iħallas multa ta' €500 liema multa għandha titħallas minnufih u fin-nuqqas tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------